

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċeduri tal-ewwel istanza u tal-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. L-ewwel aggravju: Ksur tad-dritt tal-Unjoni minħabba applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' proporzjonalità

Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tikser id-dritt tal-Unjoni peress li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat interpretat li d-Deċiżjoni 2011/278/UE ⁽³⁾ kienet definittiva u barra minn hekk ikkunsidrat, ukoll b'mod żbaljat, li din id-deċiżjoni kienet proporzjonata. Skont l-appellanti, skont id-Deċiżjoni 2011/278/UE hija possibbli wkoll allokazzjoni bbażata fuq klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi peress li fil-każ ineżami hija involuta sitwazzjoni ta' forza maġġuri. Barra minn hekk, fl-istħarriġ tal-legalità tad-Deċiżjoni 2011/728/UE, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta bbilanċjat l-interessi ġuridiċi inkwistjoni, peress li tat iktar importanza lill-protezzjoni tal-ambjent milli lill-eżistenza tal-appellanti.

2. It-tieni aggravju: Ksur tad-dritt tal-Unjoni minħabba ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti

L-appellanti ssostni li s-sentenza hija wkoll żbaljata sa fejn il-Qorti Ġenerali, permezz tad-deċiżjoni tagħha, kisret id-drittijiet fundamentali tal-appellanti, b'mod partikolari l-Artikoli 15(1) u 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipproteġu l-libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali u d-dritt għall-proprjetà. Fl-opinjoni tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li ma kienx sar ksur tas-sustanza nnifisha ta' dawn id-drittijiet fundamentali. Madankollu dan ma huwiex il-każ, peress li mingħajr allokazzjoni bbażata fuq il-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, l-appellanti ma tkunx tista' tkompli l-attività tagħha bħala produttur ta' xama' tal-linjit, u lanqas ma tkun tista' tkompli tuża l-installazzjoni tagħha għall-estrazzjoni tax-xama' tal-linjit.

3. It-tielet aggravju: Ksur tad-dritt tal-Unjoni minħabba ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà

Fit-tielet lok, l-appellanti ssostni li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tikser id-dritt tal-Unjoni peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma għandhiex kompetenza sabiex tadotta regoli dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi [Artikolu 9(5) tat-TEHG]. F'dan is-sens, hija tindika li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni li hija biss il-Kummissjoni Ewropea li għandha kompetenza sabiex tistabbilixxi regoli dwar allokazzjonijiet, sa fejn il-kompetenza tagħha hija effettivament eżerċitata. Każijiet mhux tipiċi, bħal dak tal-appellanti, ma humiex previsti mir-regoli tal-Kummissjoni. Għaldaqstant il-kompetenza normattiva tibqa' għand l-Istati Membri.

4. Ir-raba' aggravju: Ksur tad-dritt proċedurali minħabba motivazzjoni insuffiċjenti jew kontradittorja

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali argumentat b'mod insuffiċjenti u kontradittorju fir-rigward tal-konsegwenzi ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, fir-rigward tal-effett ta' rilokazzjoni mistenni minn allokazzjoni bbażata fuq din il-klawża kif ukoll fir-rigward tar-raġuni konkreta ta' periklu ta' insolvenza tal-appellanti, u għalhekk tikser id-dritt proċedurali bażiku.

⁽¹⁾ ĠU L 240, p. 17

⁽²⁾ Gesetz über den Handel mit Berechtigungen zur Emission von Treibhausgasen (Treibhausgas-Emissionshandelsgesetz –TEHG) (Liġi Ġermaniża dwar l-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra)

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, tas- 27 ta' April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Mercantil n° 3 de Barcelona (Spanja) fid-
9 ta' Diċembru 2014 – Ismael Fernández Oliva vs Caixabank S.A.**

(Kawża C-568/14)

(2015/C 046/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Mercantil n° 3 de Barcelona

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ismael Fernández Oliva

Konvenut: Caixabank S.A.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 43 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tipproponi lill-partijiet sospensjoni eventwali tal-proċeduri ċivili meta qorti jew tribunal ieħor ikun ressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE⁽¹⁾, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 2) L-Artikolu 721.2 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tadotta jew tipproponi *ex officio* l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji fi proċeduri individwali li fihom ikun qed jintalab l-annullament ta' kundizzjoni ġenerali minħabba li din hija iġusta, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 3) L-effetti tal-miżuri kawtelatorji li jistgħu jiġu adottati, kemm jekk *ex officio* kemm jekk fuq talba tal-partijiet, fil-kuntest ta' proċedura li tinvolvi azzjoni individwali, għandhom jiġu estiżi sa ma tingħata deċiżjoni definittiva fil-proċedura individwali, jew inkella fi proċedura kollettiva li taffettwa l-eżerċizzju tal-azzjonijiet individwali, bil-għan li jiġu żgurati l-mezzi adegwati u effettivi previsti fl-imsemmi Artikolu 7 tal-imsemmija Direttiva?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli iġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Mercantil n° 3 de Barcelona (Spanja) fid-
9 ta' Diċembru 2014 – Jordi Carné Hidalgo u Anna Aracil Gracia vs Catalunya Banc, S.A.**

(Kawża C-569/14)

(2015/C 046/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Mercantil n° 3 de Barcelona

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Jordi Carné Hidalgo u Anna Aracil Gracia

Konvenut: Catalunya Banc, S.A.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 43 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tipproponi lill-partijiet sospensjoni eventwali tal-proċeduri ċivili meta qorti jew tribunal ieħor ikun ressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE⁽¹⁾, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 2) L-Artikolu 721.2 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tadotta jew tipproponi *ex officio* l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji fi proċeduri individwali li fihom ikun qed jintalab l-annullament ta' kundizzjoni ġenerali minħabba li din hija iġusta, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?